# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**Seduta tat-2 ta' Marzu 2001**

**Citazzjoni numru 116/91 GC**

**Gwakkin sive' Gino Grech**

**-vs-**

**(1) Annette Rizzo u**
**(2) b'digriet tas-26 ta' Frar 1991 il-Qorti kkonfermat lil Sandra May Mangion bhala kuratrici biex tirraprezenta l-eredi prezunti ta' Stephen Mangion**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fid-29 ta' Novembru 1990 huwa sofra danni f'incident tat-traffiku li ghalih kien unikament responsabbli l-mejjet Stephen Mangion, minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Stephen Mangion;

Illi l-istess Stephen Mangion kien qed isuq karozza tal-konvenuta Annette Rizzo li regolarment kienet tislef karozzi taghha lilu u minghajr ma assiguratu ghal riskji lil terzi;

Illi l-eredi tieghu m'humiex maghrufa ghall-attur;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-mejjet Stephen Mangion kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku fuq imsemmi u ghad-danni li sofra l-attur;

2. Tiddikjara ukoll li Annette Rizzo hija responsabbli tad-danni sofferti mill-attur ghar-ragunijiet premessi;

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew uhud minnhom ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Dicembru 1990 sad-data tal-effettiv pagament u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Sandra May Mangion nomine fejn gie eccepit illi l-incident riferit fic-citazzjoni mhux responsabbli ghalih il-mejjet Stephen Mangion imma l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Sandra May Mangion nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Antoinette Rizzo fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-mejjet Stephen Mangion ha l-karozza in kwistjoni kontra l-volonta' tal-esponenti u meta kien jaf li m'ghandhux isuqha fuq it-triq;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Antoinette Rizzo debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-20 ta' Ottubru 1994 li bih gew nominati l-kirurgu Charles Swain bhala espert mediku u biex tassistih l-avukat Dr. Edwina Chetcuti bhala espert legali;

Rat ir-rapport tal-imsemmija esperti gudizzjarji debitament konfermat bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-7 ta' Marzu 1995 li bih gew nominati bhala periti addizzjonali il-Professur Victor Griffiths, it-tabib Mr. Joseph Attard u t-tabib Mr. Carmel Apap Bologna;

Rat ir-rapport tal-imsemmija periti addizzjonali debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-23 ta' April 1996;

Rat in-nota ta' referenzi tal-konvenuta Mangion;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 1998;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza tikkoncerna incident stradali li sehh kmieni wara nofs in-nhar fid-29 ta' Novembru 1990, fi New Street off Mosta Road, Lija. F'dan l-incident kien hemm involuti l-attur, li kien qed isuq van Ford Transit numru ta' registrazzjoni E-2672, u certu Stephen Mangion li kien qed isuq karozza Honda Prelude numru ta' registrazzjoni E-4733. Bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra feriti u sofra danni fil-van misjuq minnu, filwaqt li l-imsemmi Mangion tilef hajtu. L-attur isostni li dan l-incident gara unikament tort tal-mejjet Stephen Mangion. L-attur inoltre jippretendi li l-konvenuta Antoinette Rizzo ghandha tigi ritenuta ukoll responsabbli stante li hi l-propjetarja tal-vettura li kien qieghed isuq Stephen Mangion, liema vettura l-istess Rizzo silfet lill-Mangion meta ma kienitx debitament assigurata ghal riskji ta' terzi;

Da parti taghha l-konvenuta Mangion ghan-nom tal-eredi tal-mejjet Stephen Mangion eccepit li l-mejjet zewgha Stephen Mangion ma kienx responsabbli ghall-incident in kwestjoni u illi mhux veru li l-attur sofra dizabilita permanenti u lanqas ma hu veru li l-van tal-attur safa imfarrak kompletament. Il-konvenuta l-ohra Rizzo eccepit li l-mejjet Stephen Mangion ha karozza in kwestjoni minnghajr il-permess taghha u ad insaputa taghha;

Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement pruvat illi l-mejjet Stephen Mangion ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni. In effett jirrizulta li l-imsemmi Stephen Mangion mar fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk ikkawza dan l-incident. Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi responsabilita fuq l-attur, lanqas in parte;

L-attur ikkonferma li bid-daqqa in kwestjoni l-van tieghu garrab hsarat konsiderevoli tant li ghandu jigi konsidrat bhala "total loss". Huwa qal li l-istess van kien ilu fit-triq xi sbatax (17) il-sena. Huwa kien xtrah "second hand" dik is-sena stess bil-prezz ta' seba' mija u hamsin lira maltin (Lm750). L-attur naqas li jipproduci prova definittiva dwar l-allegati hsarat li garrab fil-van tieghu. In vista ta' kif jirrizulta li gara dan l-incident, tal-impatt relattiv u tal-konsegwenzi, jista jkun li l-van tal-attur garrab hsarat tant li ma kienx jissewwa. Difatti x-xhud Joseph Bonnici xehed li l-van ta' l-attur garrab hsara kbira u l-istess xhud kompla jghid li fil-fehma tieghu l-istess hsara ma kinetx tissewwa. Inoltre fir-rapport tal-pulizija li gie esibiti a fol.68 hemm indikat li l-vettura tal-attur sofriet danni estensivi. In vista ta dan kollu jista jinghad li jirrizulta li l-vettura tal-attur garbet hsarat konsiderevoli tant li ma kienitx tissewwa. In vista tal-prezz li l-attur qal li hallas ghall-din il-vettura f'dik l-istess sena, l-hsara li garrab l-attur, f'dan ir-rigward, qed tigi ffissata "arbitrio boni viri" fis-somma ta hames mitt lira maltin (lm500) u dana tenut kont ukoll tal-eventwali "wreck value";

Inoltre l-attur isostni li huwa sofra disabilita' permanenti bhala kawza ta' dan l-incident. L-esperti medici addizzjonali kkonkludew li l-attur ghadu jbati minn ftit hsara muskolari li garrab fl-incident in kwestjoni. Huma kkonkludew li minhabba f'hekk l-attur sofra dizabilita' permanenti, li giet minnhom kalkolata f'wiehed fil-mija (1%). Il-qorti taqbel ma dawn il-konkluzjonijiet u tghamillhom taghha. Inoltre ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li dawn il-konkluzjonijiet jigu varjati jew skartati;

Jirrizulta li l-attur fil-hin tal-incident kellu erba u tletin (34) sena (vide rapport tal-pulizija a fol.68). Hu ragjonevoili, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li l-multiplier jigi kalkolat ghal zmien hamsa u ghoxrin (25) sena. Ma jirrizultax b'mod car u nett x'kien il-qliegh tal-attur fiz-zmien in kwestjoni. L-attur xehed illi huwa kien jahdem ta' bajjad, self employed. Huwa kkalkola li dak iz-zmien f'gimgha kien jibqaghlu bejn sebghin liri maltin (lm70) u tmenin liri maltin (Lm80) fil-gimgha. F'dan ir-rigward pero ma saret ebda prova definittiva. L-attur esibixxa kopja tar-return tal-income tax relattiva ghas-sena bazi 1990 (fol.47 sa 50). L-attur ikkonferma li dan id-dokument hu kopja tar-return li giet effettivament sottomessa lill-awtroitajiet kompetenti. Minn dan id-dokument jirrizulta li, ghas-sena 1990, l-attur iddikjara, ghar-rigward ta' sitt (6) xhur biss mill-istess sena, li kellu qligh nett komplessiv mix-xoghol tieghu ta bajjad fl-ammont ta' Lm2000. Ghandu jinghad pero li dan id-dokument mhux daqstant affidabbli stante li hemm indikat li l-imsemmija sitt (6) xhur kienu fil-1991 meta is-sena bazi hi il-1990;

In vista tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, hu ragjonevoli li l-bazi tal-qliegh annwali tal-attur ghandu jigi kalkolat fuq qliegh ta' tlett elef liri maltin (Lm3000) u dana tenut kont ukoll tal-inflazzjoni u l-fatturi l-ohra rilevanti. In vista tal-fatt li dawn il-proceduri ilhom zmien twil pendenti mhux il-kaz li issir tnaqqis minhabba li l-hlas jista jsir f'pagament wiehed. Ghalhekk is-somma li qed tigi likwidata bhala 'lucrum cessans', fuq dak kollu li ntqal sa issa, tammonta ghal seba mija u hamsin liri maltin (Lm750). (Lm3000 x 25 x 1%);

L-attur isostni ukoll li huwa ghamel periodu wara l-incident li fih huwa ma kienx jahdem. Huwa jghid li b'kollox ghamel xi erba' xhur ma mmurx ghax-xoghol. F'dan ir-rigward it-Tabib Dr Michael Farrugia, prodott mill-istess attur, qal li l-attur kien dam xi xaharejn jew tlett xhur sabiex jirkupra mill-feriti li sofra fl-incident. In vista ta' dan kollu, in vista tal-fatt li, f'dan ir-rigward, ma gewxx prodotti certifikati medici u in vista tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, fosthom in-natura tal-feriti li sofra l-attur f'dan l-incident, hu ragionevoli li jitqies li l-attur ma marx ghax-xoghol ghal xaharejn wara l-incident. Ghalhekk anke a bazi tal-qliegh nett fis-sena ta' Lm3000 fuq indikat, jirrizulta li l-attur tilef xoghol li ghandu jigi kalkolat fis-somma ta hames mitt liri maltin (Lm500);

In vista ta' dan kollu li gie premess id-danni kollha sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta elf seba mija u hamsin liri maltin (Lm1750);

Peress li kif gia ntqal il-mejjet Stephen Mangion ghandu jigi ritenut unikament responsabbli tal-incident stradali in kwestjoni, l-eredi tal-istess Stephen Mangion ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur. Ghalhekk il-konvenuta Mangion nomine ghandha tigi kundannata thallas l-imsemmija somma ta' Lm1750;

Tibqa li tigi deciza l-pretensjoni ulterjuri tal-attur fis-sens li l-konvenuta Rizzo ghandha ukoll tigi ritenuta responsabbli. F'dan ir-rigward jirrizulta li l-karozza li kien qed isuq il-mejjet Stephen Mangion fil-hin tal-incident ma kienitx debitament licenzjata u lanqas ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni skond il-ligi. Jirrizulta ukoll li l-karozza in kwestjoni kienet registrata fuq isem il-konvenuta Antoinette Rizzo. Jirrizulta li l-imsemmi Stephen Mangion kien ta' spiss isuq din il-vettura. Mill-provi jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenuta Rizzo ppermettiet lill-Mangion li jsuq il-vettura in kwestjoni meta kienet taf li din ma kienitx debitament licenzjata u b'hekk mhux koperta minn polza ta' assikurazzjoni;

In vista ta' dak li hemm provdut f-artikolu 1033 tal-Kodici Civili l-konvenuta Rizzo ghandha ukoll tigi ritenuta responsabbli ghal hlas ta' dawn id-danni. Jirrizulta li l-konvenuta Rizzo naqset mill-obbligu taghha li ma tippermettix li l-vettura in kwestjoni tintuza fuq it-triq meta kienet taf li ma kienitx licenzjata u assikurata. Peress li l-vettura ma kienitx assikurata jista jkun li minn sofra xi danni, f'dan il-kaz l-attur, jista ma jithallax tal-istess danni. Jirrizulta ghalhekk il-konvenuta Rizzo kienet negligenti u imprudenti fit-termini tal-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili u konsegwentement ghandha tigi ritenuta responsabbli solidalment ma minn ikkaguna effettivamennt u materjalment id-danni. Hemm obbligu naxxenti mill-ligi li l-vetturi li jkunu fuq it-triq ghandhom jkunu koperti minn assikurazzjoni ghar-risarciment tad-danni kollha li jistghu jigu kagunati f'incidenti stradali. Il-konvenuta Rizzo naqset minn dan l-obbligu u dan irendieha passibbli ghad-danni. Peress li ma jitsx jigi stabbilit liema huma d-danni li huma attribwibbli lill-konvenuta Mangion nomine u dawk li huma attribwibbli lill-konvenuta l-ohra Rizzo, iz-zewg konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli in solidum bejnithom ghal-hlas tad-danni u dana ai termini tal-artikolu 1050 tal-istess Kodici Civili. (Vide Citazzjoni numru 1434/82 fl-ismijiet "Noel Pisani vs Edwin Vella nomine et" deciza minn din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Frank G. Camilleri fit-3 ta' Novembru 1995);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-mejjet Stephen Mangion kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwestjoni; tiddikjara li l-konvenuta Rizzo hi responsabbli in solidum ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala kawza tal-istess incident; tillikwida id-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta' elf seba mija u hamsin liri maltin (Lm1750) u tikkundanna lill-konvenuta Mangion nomine u lill-konvenuta Rizzo li jhallsu lill-attur in solidum bejnithom l-imsemmija somma ta' Lm1750 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenuta Mangion nomine u l-konvenuta Rizzo in solidum bejnithom.